# L-Arċisqof Dom Mawru Caruana O.S.B f'għeluq is-70 sena minn mewtu

Mawru Caruana twieled il-Furjana fis-16 ta' Novembru 1867. Fil-Magħmudija, il-ġenituri tawh l-isem ta' Lwiġi. Minn ċkunitu, wera x-xewqa li jsir qassis u għal dan il-għan studja fis-Seminarju ta' Għawdex u fil-Kulleġġ Sant'Injazju f'San Ġiljan. Peress li tħajjar li jsir Benedittin, mar jissokta l-istudji tiegħu ġewwa l-Iskozja fl-Abbazija ta' Fort Augustus fejn hemmhekk beda juri l-kapaċitajiet tiegħu bħala mexxej, tant li anke sar il-kaptan tal-iskola. Il-vokazzjoni biex ikompli t-triq għas-saċerdożju tkompliet tissaħħaħ. Kien fl-20 ta' Settembru 1884 li daħal uffiċjalment bħala novizz Benedittin fil-Kongregazzjoni Benedittina tal-Ingilterra ġewwa l-istess Abbazija Fort Augustus, fejn tawh l-isem ta' Mawru.

Fil-11 ta' Novembru 1885 għamel l-ewwel professjoni tiegħu. Mawru kompla jistudja u fis-sena 1891 ġie ordnat presbiteru mill-Isqof Hugh Macdonald. L-istudju iżda ma spiċċawx hawn għaliex is-superjuri tiegħu ħassew il-ħtieġa li Mawru jkompli jistudja. Għal dan il-għan intbagħat fil-Kulleġġ Sant'Anselmu f'Ruma fejn hemm segwa l-kors fil-Liġi Kanonika. Wara li ggradwa b'suċċess, Mawru reġa' lura lejn Fort Augustus fejn għallem il-Filosifija, it-Teoloġija u l-Letteratura Latina. Għal darbtejn serva bħala kappillan u surmast tal-kor. Mawru mhux biss spikka bħala organizzatur tajjeb u ragħaj tal-erwieħ, iżda wkoll kien imfittex ħafna għall-predikazzjoni l-aktar bil-lingwa Taljana. It-talent li kellu għall-mużika għenu biex fl-1912 jinħatar direttur tal-kor tal-Abbazija u bis-saħħa tiegħu, il-Kant Gregorjan ħa spinta 'l quddiem u sar kant popolari.

**Isqof ta' Malta**

Mal-mewt tal-Isqof ta' Malta Pietru Pace, Mawru ntgħażel bħala Isqof ta' Malta fl-1915. Il-konsagrazzjoni solenni tmexxiet mill-Kardinal Raffael Merry del Val u ġiet iċċelebrata fil-Bażilika ta' Santa Marija fi Trastevere, f'Ruma nhar l-10 ta' Frar 1915, festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, festa tant għażiża għall-Maltin. F'dik l-istess okkażjoni, l-Isqof il-ġdid ngħata l-unur ta' Kavallier tal-Ordni Sovrana Militari ta' San Ġwann. Fl-1918, inħatar ukoll bħala Kavallier Kmandant fl-Ordni tal-Imperu



*19 ta' Frar 1915: l-ingress solenni tal-Arċisqof Mawru Caruana fl-Imdina*

Ingliż. Kien l-ewwel Malti li rċieva dan l-unur f'Ordni mwaqqfa mir-Re Ġorġ V.

Tlett ijiem wara li sar Isqof, Mawru ġie Malta biex b'hekk jidħol b'ruħu u ġismu għax-xogħol delikat mogħti lilu. Fid-19 ta' April, l-Isqof il-ġdid daħal b'solennità kbira ġewwa l-Imdina u ħa l-pussess bħala Isqof ta' Malta fil-Katidral. Kienet okkażjoni ta' ferħ għal Malta kollha għaliex il-Maltin raw fih mhux biss ragħaj spiritwali iżda wkoll mexxej intelliġenti u prattiku. Kien jaf jitkellem sewwa l-ilsien Malti, dak Taljan, kif ukoll l-ilsien Ingliż. Kellu anke ħjiel tajjeb tal-lingwa *Gaelic*. Mawru kien bniedem attiv. Kien isib ħin għal kollox u għalkemm kien ħafna okkupat bħala l-mexxej tad-Djoċesi Maltija, dejjem sab il-ħin biex jagħti konferenzi fuq il-Qaddis li tant kien iħobb: San Benedittu. Dawn il-konferenzi kien jagħtihom fil-monasteru tal-Benedittini ġewwa l-Imdina.

Fl-1917 l-Isqof Caruana kixef u bierek il-Monument f'ġieħ Kristu Re fil-Floriana. Dan il-monument, xogħol l-iskultur Antonio Sciortino, twaqqaf biex ifakkar l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta f'April ta' 1913.



**Kwadru pittura tal-Arċisoqf Mawru Caruana li jinsab imdendel fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata tal-Isla**

Meta fl-1928 reġgħet twaqqfet id-Djocesi ta' Rodi, l-Isqof Caruana ma tilifx it-titlu ta' Arċisqof, titlu li kien mogħti lill-Isqfijiet ta' Malta mis-sena 1797. L-episkopat ta' Caruana ma kienx wieħed faċli. Fil-fatt beda l-episkopat tiegħu waqt li kienet għadha għaddejja l-Ewwel Gwerra Dinjia għalkemm din kellha ftit wisq effett fuq Malta. L-inkwiet ma spiċċax hekk kif intemmet il-Gwerra. Fi żmienu, l-Isqof Caruana kellu jħabbat rasu ma' kriżi politika – reliġjuża li damet sejra għal numru ta' snin u li laħqet il-quċċata tagħha fis-snin 1930-32. L-Isqof Caruana sofra ħafna nsulti minn dawk li ħaduha kontra tiegħu. Kien f'dan iż-żmien li fl-1928 bdiet il-publikazzjoni ta' gazetta Kattolika: *Leħen is-Sewwa* li għadha tiġi ippubblikata sal-lum mill-Azzjoni Kattolika Maltija. Kien fi żmien l-Isqaf Caruana li sar l-ewwel Kunsill Djoċesan li kien presedut mill-Kardinal Alexis Lepicier.

Fuq l-aspett reliġjuż, l-Isqof Caruana, fis-sena 1921, approva lis-Socjeta` Missjunarja ta' San Pawl li twaqqfet minn Monsinjur Ġużeppi Depiro u, fis-sena 1934, approva l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji ta' Ġesù ta' Nazareth, li waqqfithom is-Sinjorina Ġużeppina Curmi. Kienet ukoll l-inizjattiva tiegħu personali li beda x-xogħol fuq knisja ġdida dedikata lil San Girgor il-Kbir f'Tas-Sliema. Dan kien fis-sena 1923 u minħabba l-fatt li kien hemm problemi kbar fil-pedament tafli għal din knisja, din ma tlestietx qabel is-sena 1941. L-Isqof Caruana wkoll kellu l-ħsieb li jġib il-patrijiet Benedittini biex jieħdu ħsieb din il-parroċċa ġdida, tant li biswit il-knisja ħa ħsieb li tinbena dar kbira biżżejjed biex tilqa' numru ta' patrijiet. Iżda din ix-xewqa qatt ma seħħet. Fit-12 ta' April 1932, hu approva uffiċjalment is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., l-għaqda ta' lajċi rġiel u nisa mwaqqfa minn San Ġorġ Preca fl-1907 għat-tagħlim u l-formazzjoni fil-fidi lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-adulti.

Fis-sena 1931 fl-okkażjoni tal-XV-il Ċentinarju mill-Konċilju ta' Efesu, l-Isqof Caruana inkuruna l-ikona antika tal-Madonna ta' Damasku li tinsab meqjuma fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Kemm dam Isqof ta' Malta, waqqaf ukoll ħames parroċċi ġodda fosthom dawk tal-Karmelitani ġewwa Santa Venera u dik f'Tas-Sliema taħt it-tmexxija tal-Patrijiet Minuri. L-Isqof Caruana wkoll flimkien mal-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur

Mikiel Gonzi, mexxa Konċilju Reġjonali li ħalla ħafna frott spiritwali.



L-istatwa ta' Marija Bambina qed tiġi nkurunata mill-Arċisqof Mauro Caruana

## Konnessjoni mal-Isla

Għas-Sengleani, l-Isqof Caruana għandu jkollu rokna f'qalbhom għax kien hu li mexxa 'l quddiem it-talba biex l-istatwa tant għażiża tal-Bambina tiġi inkurunata. Kien fl-1920 li t-talba li saret, intlaqgħet malajr mill-Papa Beneditttu XV. Kien l-istess Isqof Caruana li nhar it-23 ta' Mejju ġie l-Isla biex fil-preżenza tiegħu jinqara d-digriet. Hu wkoll kien strumentali biex fir-rikors li sar lis-Santa Sede, il-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata tal-Isla ssir Bażilika Minuri. Dan id-digriet ħareġ nhar it-3 ta' Jannar 1921. Fil-jum li ġie deċiż li l-istatwa tal-Bambina tiġi inkurunata, il-Vatikan iddelega lill-Isqof Caruana biex iqiegħed il-kuruna tad-deheb fuq ras Marija Bambina. Il-jum li ntgħażel kien dak tal-4 ta' Settembru 1921, jum li għadu jitfakkar b'tant għożża mis-Sengleani sal-ġurnata tal-lum. Kien l-istess Isqof li mexxa l-purċissjoni mill-Bażilika sax-xatt tal-Isla fejn saret l-Inkurazzjoni. L-Isqof Caruana kemm-il darba għamel żjara lill-Isla f'okkażjonijiet diversi. Kien jiġi spiss biex jagħmel is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lit-tfal u fi żmien il-festa mhux għal darba jew tnejn kien jattendi għal xi funzjoni. Fl-1931 kien hu stess li mexxa l-purċissjoni f'għeluq il-Kungress Ewkaristiku li sar fl-Isla fis-7 ta' Ġunju 1931. Sena wara, fl-1932, għalaq il-missjoni popolari b'diskors mill-isbaħ.

L-Isqof Caruana ħabb tassew lill-Isla u dan urieh b'ħafna modi. Kemm membri tal-kleru Senglean kien għażel biex imorru bħala ragħajja f'għadd ta' Parroċċi ta' Malta! Bħala segretarju djoċesan ħatar lil Dun Manwel Galea, Senglean maħbub minn kulħadd u għalhekk wieħed ma jiskanta xejn li ftit żmien wara pproponieh lill-Papa Piju XII biex isir l-Awżiljarju tiegħu. Fil-fatt, Dun Manwel Galea sar Isqof fl-1942.




Il-lapida li tgħatti l-post fejn jinsab midfun l-Arċisqof Mawru Caruana fil-Knisja tal-Parroċċa ta' San Girgor f'tas-Sliema

Fl-aħħar ta' ħajtu, l-Isqof Caruana sofra ħafna mill-marda li ħakmitu u xahrejn qabel ma miet fl-1943, fl-eqqel tal-Gwerra, ngħatalu l-Isqof Mikiel Gonzi biex jgħinu, bid-dritt tas-suċċessjoni. L-Isqof Caruana miet nhar id-19 ta' Diċembru 1943 fl-età ta' 76 sena. Indifen bis-solennità kollha fil-knisja li kien bena f'Tas Sliema fejn għadu sal-lum quddiem l-altar prinċipali ta' din il-knisja iħares u jitlob għal Malta Kattolika li tant ħabb u għażż.

*Fr. Alfred Sacco SDB*